# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 599/2016

**Il-Pulizija**

**(Spettur John Spiteri)**

**vs**

**Omissis**

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2019

Il-Qorti,

Rat in-nota ta' l-ufficjal tal-probation Marilyn Attard ta' l-4 ta' Novembru 2016 permezz ta' liema ghamlet denunzja fil-konfront ta' Omissis ai termini ta' l-artikolu 21 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta dwar l-ordni tal-probation mghotija f'l-1 ta' Gunju 2016 fil-konfront taghha;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-30 ta' Novembru, 2016 li biha, wara li rat l-artikoli 7 u 21 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lil Omissis hatja li naqset li toqghod ghall-htigijiet ta' l-Ordni tal-Probation mghoti f'l-1 ta' Gunju 2016 u ghazlet li titratta maghha ghar-reati li taghhom instabet hatja dak in-nhar u ikkundannatha xahrejn detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellanti Omissis, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fil-31 ta' Mejju, 2016, fejn talbet lil din il-Qorti jogghobha tvarja s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-il-parti li biha sabitha hatja izda tibdilha kwantu l-piena mposta;

Rat l-aggravji tal-appellanti;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-appellanti tillanja s-sentenza appellata kwantu l-piena erogata mill-ewwel Qorti u ressqet diversi ragunijiet sabiex tikkonvinci lill din il-Qorti illi hija tehtieg l-ghajnuna u mhux li tkun inkarcerata ghall-eghmil taghha;

2. Il-Qorti ezaminat bir-reqqa u b'mod minizzjuz l-atti processwali u taqbel perfettament mar-ragunijiet moghtija mill-ewwel Qorti ghaliex sabet lill-appellanta hatja wara d-denunzja mill-Ufficcjal tal-Probation, anke jekk dan mhux kontestat mill-istess appellanta. L-Ufficcjal tal-Probation, nominata mill-istess Qorti li ghamlet l-Ordni fit-termini tal-artikolu 7 tal-Kap 446, kienet kostretta li taghmel denunzja fil-konfront tal-appellanta ghaliex minkejja sentenza moghtija kontra taghha xorta wahda baqghet tahrab mill-istituzzjoni fejn kienet qed tinzamm u kien hemm falliment fl-imgieba taghha b'mod li kienet sahansitra taghmel iljieli barra u qatghet kull kuntatt;

3. Gara, izda, illi minn meta inghatat is-sentenza wara d-denunzja, igifieri fit-30 ta' Novembru, 2016, l-appellanti bdiet

tirrispondi pozittivament ghal-ordnijiet tal-Ufficcjal tal-Probation u bdiet turi kambjament ghall-ahjar. Iz-zmien hadem favur l-appellanta tant illi fi Frar ta' din is-sena l-Ufficcjal tal-Probation xehedet illi l-istorja tal-appellanta hija wahda ta' success. Dawk it-tendenzi pozittivi riskontrati wara s-sentenza baqghu jitkattru b'tali mod illi llum jista' jitqies li l-appellanta hija persuna mibdula;

4. Din il-Qorti mhix facilment impressjonata b'dikjarazzjoni ta' kambjament mill-lejl ghan-nhar, izda kull kaz ikun jehtieg li jkun trattat fuq il-mertu tieghu. F'dan il-kaz, il-kambjament tal-appellanti ma huwiex biss kliem izda huwa fatt li ghalih xehedet l-Ufficcjal tal-Probation u dan certament huwa haga pozittiva li naturalment ser ikun rifless fil-parti ahharija ta' din is-sentenza;

5. Issa, ghalkemm ma huwiex normali li din il-Qorti tiddisturba id-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti fejn si tratta ta' piena u filwaqt illi temmen li l-ewwel Qorti ma kellhiex triq ohra fic-cirkostanzi tal-kaz kif postulat quddiemha, f'dan il-kaz tqis illi ikun ta' pregudizzju serju ghall-akkwist li ghamlet l-appellanta billi qalbet il-folja ghall-ahjar. Temmen, izda, din il-Qorti illi l-appellanta jehtieg li tibqa' tahdem bis-shih sabiex ma titlifx dak kollu li akkwistat li certament ma kienx facli ghaliha minn kif jixhed l-att processwali. Ghalhekk sejra tikkundannaha ghall-piena nominali sabiex tibqa' konxja tal-fatt illi din hija triq twila li trid tibqa' tahdem ghaliha biex issir b'sahhitha bizzejjed biex teghleb tentazzjonijiet li jistghu jitfaccaw fil-futur;

6. Ghal dawn ir-ragunijiet, tilqa' l-appell u konsegwentement tikkonferma s-sentenza appellata fejn din sabet lill-appellanta hatja, tirrevokaha f'dik il-parti li biha ikkundannatha ghal xaharejn detenzjoni u minflok fit-termini tal-artikolu 21(2) tal-Kapitolu 446 tal-ligijiet ta' Malta tikkundannaha ghal hlas ta' ammenda ta' €100 pagabbli €10 kull ahhar tax-xahar bl-ewwel pagament isir dovut fl-ahhar t'April, 2019.